MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 110/2011

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 3765/2010 intavolat nhar l-4 ta' Novembru 2010**

**Dr Arthur Azzopardi bhala mandatarju specjali ta' Rosaria Maria Azzopardi, Alfred u Lucia Azzopardi u Charles u Adelina Azzopardi**

**Vs**

**Maria Therese sive Marthese Attard ID 332048(M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in ezami li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet :-

1. Illi r-rikorrenti taghmel referenza ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 3765/2010 fl-ismijiet hawn fuq premessi liema mandat kien gie intavolat mis-sekwestranti nhar l-14 ta' Novembru 2010;

2. Illi s-sekwestrata giet notifikata b'dan il-mandat ta' sekwestru u nonostante li giet notifikata b'dan is-sekwestru kawtelatorju bin-numru 3765/2010, is-sekwestranti ma ntavolaw ebda kawza kontra l-istess sekwestrata;
3. Illi r-rikorrenti tilmenta ghal dan il-fatt u dana peress li kienu gew ntavolati mandati ta' sekwestri kawtelatorji qabel inkluz il-mandat bin-numru 3724/2009 fl-ismijiet identici u anke f'dik ic-cirkostanza ma gietx segwita b'kawza.
4. Illi dan il-mandat ta' sekwestru gie segwit b'kontromandat maghmula mill-esponenti liema kontro mandat gie degretat nhar il-11 ta' Jannar 2011;
5. Illi minhabba r-ragunijiet hawn fuq spjegati u minhabba wkoll li ma giex segwit b'kawza kif il-ligi tordna u tezigi, r-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lis-sekwestranti flimkien u in solidum ihallsu penali lis-sekwestrata esponenti ta' mhux anqas minn Euros1164.69 u mhux izjed minn Euros6988.12, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha opportuni u necessarji li din il-Qorti tidrilha xierqa fic-cirkostanzi.
6. Bl-ispejjez ta' dawn l-atti kollha kontra s-sewkestranti.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fl-17 ta'Marzu 2011 (a fol 2 tal-istess atti) u dak ulterjuri a fol 14 ibid.

Rat ir-risposta tal-intimati (fol 10 et seq ibid) u li biha wiegbu:

1. Illi fil-15 ta' Marzu 2011 is-sekwestrata Maria Therese sive Marthese Attard ID 332048(M) ipprezentat rikors li permezz tieghu talbet li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkundanna lis-sekwestranti flimkien u in solidum jhallsuha penali ta' mhux inqas €1,164.69 u mhux izjed minn €6,988.12 u dan taht dak il-provvedimenti kollha opportuni u necessarji li din il-Qorti tidrilha xierqa fic-cirkostanzi;
2. Illi fis-17 ta' Marzu 2011, din l-Onorabbli Qorti ordnat in-notifika ta' tali rikors lis-sekwestranti bi zmien erbat (4) ijiem ghar-risposta;

3. Illi dan ir-rikors gie notifikat lis-sekwestranti fil-21 ta' Marzu 2011;
4. Illi jibqa biex jinghad illi kif del resto gie ddikjarat mis-sekwestrata fir-rikors taghha, 'dan il-mandat ta' sekwestru gie segwit b'kontro mandat maghmula (sic!) mill-esponenti liema kontromandat gie degretat nhar il-11 ta' Jannar 2011. Is-sekwestrata ddikjarat l-istess fin-nota taghha risponsiva datat 17 ta' Jannar 2011 fl-atti tal-ittra ufficjali bin-numru 4955/10 (annessa u mmarkata bhal Dok A): '… meta l-Qorti gia kienet tat digriet fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 3765/10 u fejn laqghat it-talba sabiex tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-istess ismijiet bin-numru 3765/10';
5. Illi wara tfittxijiet estensivi fir-Registru tal-Qrati ma' jirrizultax illi qatt inhareg xi kontro mandat fl-atti tal-mandat de quo jew illi kien hemm xi digriet minn xi Qorti sabiex l-istess mandat jigi revokat. Madankollu galadarba s-sekwestrata ghal darba darbtejn qed tiddikjara li filfatt dan l-istess mandat diga gie revokat, is-sekwestranti umilment jirrilevaw is-segwenti:

a. Illi jekk dak li qed tiddikjara s-sewkestrata huwa minnu, dan jkun ifisser illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2765/2010 ipprezentat fl-4 ta' Novembru 2010 ma' baqax fis-sehh b'effett mill-11 ta' Jannar 2011. Skond l-Artikolu 836(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta: 'Ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u rrevokabbli'.
b. Illi s-sekwestrata qeghda permezz tar-rikors taghha maghmul fl-atti tal-mandat li ga' gie revokat tittenta terga tiftah proceduri illi huma finali, irrevokabbli u kwindi maghluqa. Is-sekwestrata kellha kull cans illi taghmel it-talba kontenuta fir-rikors odjern ghall-kundanna ghall-hlas ta' penali, fl-istess rikors li bih hija talbet lil din il-Qorti sabiex tohrog il-kontromandat relattiv. Galadarba hija kienet ghazlet illi ma taghmilx tali talba u galadarba din l-Onorabbli Qorti diga tat digriet finali fuq l-istess rikors ghall-hrug tal-kontro mandat, jfisser allura illi s-sekwestrata m'ghadiex f'posizzjoni illi tista' titlob lil din il-

Qorti sabiex timponi xi penali fuq is-sekwestranti. Dan ma' kienx ikun il-kaz li kieku s-sekwestrata – f'istanza seperata u certament mhux fl-atti tal-mandat de quo – ghamlet talba lil din il-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 836(9) tal-Kap. 12 sabiex tikkundanna lis-sekwestrati jhallsuha d-danni li allegatament setghet sofriet. Ghal kull buon fini s-sekwestranti jaghmluha cara illi bl-ebda sforz ta' l-immaginazzjoni ma' jista jinghad jew jigi ppruvat illi s-sewkestrata sofriet xi danni b'xi agir taghhom. Ghal kuntrarju hija s-sewkestrata illi kkawzat – u ghada tikkawza sal-gurnata tal-lum – danni sostanzjali lis-sekwestranti bl-agir abbuziv u bl-insistenza stinata taghha illi ma thallashomx l-arretrati ta' sub-cens dovuti minnha;

c. Illi jsegwi allura illi r-rikors tas-sekwestrata m'huwiex legalment sostenibbli u anqas biss kellu jigi accettat mir-Registratur tal-Qrati;

6. Illi f'kaz illi effettivament jirrizulta illi filfatt il-mandat de quo ghadu fis-sehh u qatt ma gie revokat minn din l-Onorabbli Qorti, is-sekwestranti umilment jirrilevaw is-segwenti:

a. Illi t-talba tas-sekwestrata sabiex din l-Onorabbli Qorti timponi penali fuq is-sekwestranti m'hijiex legalment sostenibbli galadarba hija m'hijiex qed taghmel dan f'rikors appositu ghar-revoka tal-mandat de quo. Filfatt, is-sekwestrata fl-ebda parti tar-rikors taghha ma' taghmel talba lil din l-Onorabbli Qorti sabiex titlob ir-revoka ta' dan il-mandat, presumibilment ghaliex qeghda tassumi illi dan l-istess mandat diga gie revokat!

7. Illi f'kull kaz, minghajr pregudizzju ghas-suespost u kif taf ben tajjeb is-sekwestrata, ir-raguni 'l ghala s-sekwestranti ma' pprocedewx b'kawza wara li kienu pprezentaw il-mandat de quo (u mandat iehor sussegwenti) hija sempliciment ghaliex huma pruvaw jaslu f'kompromess maghha rigward fost affarijiet ohra l-arretrati dovuti lilhom minnha u dana f'tentattiv sabiex tigi evitata procedura li tinvolvi spejjez sostanzjali ghall-partijiet kollha. Dawn it-tentattivi llum il-gurnata sfumaw fix-xejn u filfatt fil-granet li gejjin is-sekwestranti sejrin

ikunu kostretti jifthu kawza kontriha inter alia ghall-hlas ta’ l-istess arretrati.
8. Ghaldaqstant, premess is-suespost, is-sekwestranti jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tas-sekwestrata bl-ispejjez inutili ta’ din l-istanza kontriha.

Tant ghandhom x’jesponu s-sekwestranti f’dan l-istadju ghas-savju u superjuri gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 19 u fol 23 ibid.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, in sostenn, l-provi in esami huma s-segwenti:

a) Permezz ta’ ittra ufficjali mahruga a bazi tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (fol 7 u fol 9 tal-atti) l-intimati kienu interpellaw lir-rikorrenti sabiex thallas is-somma hemm specifikata, dovuta allegatament, in konnessjoni ma arretati ta’ cens. L-istess, rikorrenti odjerna kienet ippresentat nota in opposizzjoni ghal din it-talba ghall-hlas. Jigi rilevat illi fl-istess nota hemm dikjarat mill-istess rikorrenti illi inhareg mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 4218/10, illi dan il-mandat kien sar ‘… b’mod kapriccuz u minghajr ebda dritt fil-ligi meta l-Qorti gia tat digriet fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 3765/10 (cjoe dak in esami) liema digriet kien irrevokah.
b) Ir-rikorrenti (fol 21 et seq ibid) taht gurament, xehdet b’referenza ghal-mandat kawtelatorju numru 3765/10 esebit a fol 3 tal-atti illi hi kienet giet notifikata bil-mandat in kwistjoni izda l-intimati ma kienux intavolaw il-kawza relattiva fiz-zmien dettat u specifikat mill-ligi. Inoltre kien gie presentat almenu mandat iehor fuq l-istess ‘sorte’.
c) L-avukat Dottor Arthur Azzopardi (fol 24 ibid) fix-xhieda tieghu informa lill-Qorti dwar x’kienet ir-raguni il-ghaliex ma gietx intavolta kawza entro t-terminu msemmi

qabel ma dan skada. Difatti skond hu, hu kien ta’ sikwit jiltaqa’ mal-Avukat tar-rikorrenti u dan kien jghidlu li r-rikorrenti xtaqet li tinghata zmien ghal hlas. Hawnhekk hu semma’ li filfatt kienet, eventwalment u ‘fuori termine’ giet intavolata kawza, dwar is-‘sorte’, fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, liema kawza giet deciza.

d) In atti tinsab annessa a fol 28 et seq ibid, kopja legali tas-sentenza dwar il-meritu (Rikors numru 326/2011 MC). Hawnhekk jinghad li r-rikors promotur kien gie intavolat fl-1 ta’ April 2011, li fl-1 ta’ Dicembru 2011, il-konvenuta, ir-rikorrenti odjerna kienet ammettiet it-talbiet attrici u li din tal-ahhar giet ikkundannata ukoll li thallas l-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat in kwistjoni numru 3765/10 presentat fl-4 ta’ Novembru 2011.

Ikkunsidrat

Illi, fid-dawl ta’ dawn il-fatti, jidher b’mod car li l-kawza, effettivament giet intavolata ‘fuori termine’ u wara li skada it-terminu sabiex issir kawza f’kaz ta’ mandat kawtelatorju. Dwar dan id-dewmien, l-intimati jghidu li dan sar sabiex ir-rikorrenti tinghata zmien ghal hlas. Dwar dan kien jkun opportun illi l-partijiet konguntament u permezz ta’ nota miftehma, ‘jestendu t-terminu ghall-prezentata tal-kawza.

Illi, minn naha l-ohra hu minnu, ukoll illi r-rikorrenti, filfatt giet ikkundannata b’mod finali u mill-Qorti kompetenti sabiex thallas anke l-ispejjes tal-mandat in kwistjoni u dan wara li ammettiet it-talbiet attrici.

Ikkunsidrat

Illi l-artikolu 856(8)(a) jghid il-Qorti tista’ tikkundanna lill-persuna jew persuni li ‘… ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit mill-ligi ‘ghall-hlas ta’ penali ta’ mhux anqas minn €1164.69 u mhux izjed minn €6988.12’.

Illi dan l-artikolu jaghti deskrizzjoni lill-Qorti dwar jekk ghandhiex timponi penali, Filfatt l-istess Qorti tara li hemm gustifikazzjoni f’dan il-kaz li tigi imposta din il-penali. Izda tara ukoll illi, fic-cirkostanzi specjali tal-istess kaz kif hemm fuq spjegati, jkun opportun u gust illi l-penali

imposta tkun anqas mill-minimu specifikat fil-ligi u ghalhekk ‘arbitrio boni visi’ il-Qorti ser timponi penali ta’ €500.

Ghaldaqstant, il-Qorti tilqa’ ‘in parte’ it-talba tar-rikorrenti u tikkkundanna lill-intimati sabiex jhallsu lir-rikorrenti penali ta’ €500.

In rigward l-ispejjes dawn jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------